# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 45/2015 FDP**

Fl-ismijiet

**3Way Limited (C46582)**
**Jason Cefai (K.I.15574G)**
**Raniero Borg (K.I.426977M)**
**JF Holdings Limited (C29333)**
**Eurosped Limited (C19761)**
**Raymond Buttigieg (K.I.285368M)**
**Agritans Logistics Limited (C45380)**
**Charles Buhagiar (K.I.53653M)**

**Vs**

**L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**
**Onorevoli Ministru tal-Finanzi**
**Direttur Ġenerali tad-Dwana**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrenti ppreżentat fl-10 ta' Lulju 2015 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrenti huma lkoll burdnara li joperaw fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inkluż Malta, kif ukoll internazzjonalment, u huma proprjetarji ta' diversi vetturi kummerċjali (Dok. J - elenku ta' vetturi);*

    2. *Illi l-vetturi tagħhom huma lkoll wżati u liċenzjati għat-trasport ta' merkanzija fit-triq ai fini u effetti tal-liġi, inkluż tal-leġislazzjoni sussidjarja S.L. 368.02 (Registration & Licensjng of Motor Vehicles);*

3. *Illi r-rikorrenti huma 'operaturi' ai fini u effetti kollha tal-liġi, u huma fil-pussess ta' Liċenzja Komunitarja (hekk imsejħa 'Community Licence') maħruġa mill Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' burdnara, ossia sabiex iġorru merkanzija fit-triq ġewwa t-territorju ta' l-Unjoni Ewropea bla ebda restrizzjoni, li jinkludi Malta u l-partijiet kollha tagħha, u dan a bażi tal-leġislazzjoni sussidjarja S.L. 65.19, senjatament l-artikolu 5, li inter alia jistipula li min bħar-rikorrenti għandu liċenzja internazzjonali simili, jista' jeżerċita xogħol ta' burdnar kemm barra minn Malta kif ukoll ġewwa Malta;*

4. *Illi minkejja dan id-dritt imsemmi fil-paragrafu preċedenti, ir-rikorrenti qed jiġu ostakolati u addirittura impeduti milli jkomplu jeżercitaw ix-xogħol tagħhom f'żoni partikolari f'Malta, senjatament fil-portijiet, u dan kaġun tar-restrizzjonijiet maħruġa u/jew enforzati mid-Dipartiment tad-Dwana u/jew mill-intimati l-oħra;*

5. *Illi r-rikorrenti twaqqfu diversi drabi minn uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana huma u deħlin jew ħerġin minn customs areas bil-premessa li m'għandhomx il-pjanċi "HQ" u/jew li m'għadhomx permess mid-Dipartment tad-Dwana;*

6. *Illi minħabba f'hekk ir-rikorrenti qed ibatu minn dewmien, qed ikollhom jiddependu minn ħaddieħor u addirittura jħallsu lil terzi sabiex joħorġulhom ix-xogħol, bil-konsegwenza illi l-operat tagħhom qed jiġi imxekkel serjament;*

7. *Illi r-rikorrenti jħossuhom aggravati b'dan it-trattament diskriminatorju fil-konfront tagħhom għaliex fil-fehma tagħhom huma għandhom jitħallew joperaw bil-liberta kollha bħal ħaddieħor, u dan a bażi tal-Liċenzja Komunitarja li lkoll għandhom, u dwar dan huma ressqu l-ilment tagħhom lid-Direttur intimat (Dok. A - ittra datata 9 ta' Lulju 2014);*

8. *Illi d-Direttur intimat wieġeb li dawn il-miżuri fil-konfront tar-rikorrenti huma ġustifikati a bażi tal-artikolu 9 tal-Kap 203 li jgħid inter alia, li ħadd ma jista' jġorr merkanzija minn jew lejn customs areas jekk mhux tramite "s-servizzi ta' burdnar liċenzjat". Huwa żied illi "Whoever offers this service requires a permit issued by the Customs Department, following authorisation by the Ministry of Finance, and an operator's licence issued by Transport Malta" (Dok. B - risposta datata 17 ta' Lulju 2014);*

9. *Illi din l-interpretazzjoni hija manifestament skorretta għaliex tinjora l-iskop u sinifikat tal-Liċenzja Komunitarja. Tali liċenzja temerġi mill-S.L. 65.19 li addottat Regolament (KE) 1072/2009 Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 konċernanti l-aċċess għas-suq internazzjonali għat-trasport bit-triq tal-merkanzija, u għalhekk hija konformi mal-liġi Ewropea. L-artikolu 5 ta' S.L. 65.19 jistipula li tali liċenzja tirregola attivita' ampja, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, Inoltre l-artikolu 36 tal-istess S.L. 65.19 jiddikjara li dan is-suq huwa llum illiberalizzat. Għalhekk m' hemmx dubju illi l-'Community Licence' tissupera kwalsiasi permess tad-Dwana;*

10. *Illi ladarba l-Liċenzja Komunitarja tawtorizza lid-detentur sabiex jopera mhux biss f'Malta iżda f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea, multo magis għandha tgħodd sabiex wieħed jopera f'żoni oħra tat-territorju Malti. Dan huwa konfermat fil-proviso tal-istess artikolu 5 li jgħid "Provided that an international operators licence for the carriage of goods by road shall cover both the carriage of goods by road outside Malta and within Malta". Għalhekk kull min għandu l-Liċenzja Komunitarja m'għandu bżonn ebda permess ulterjuri sabiex iġorr merkanzija minn jew lejn l'hekk imsejjħa customs areas;*

11. *Illi inoltre l-insistenza li tinżamm in vigore ligi antika li tesiġi "permess maħruġ mid-Dwana" għal dan ix-xogħol tammonta għal miżura anti-kompetittiva, abbużiva u kwindi pprojbita mill-liġi Maltija u minn dik tal-Unjoni Ewropea. Dan għaliex min m'għandux tali permess qiegħed jitpoġġa fi żvantaġġ meta mqabbel ma min kien ingħata tali permess. Dan hu aċċentwat aktar meta wieħed iqis illi tali permessi b'abbuż mhux qed jingħataw iżjed, kif ser jingħad aktar 'il quddiem, u dan nonostante li s-suq huwa suppost liberalizzat;*

12. *Illi barra minn hekk l-insistenza għal permess ulterjuri, meta huwa ormai ben evidenti li dan m'għadux aktar meħtieġ, timpedixxi l-moviment ħieles tal-merkanzija. L-ostakoli li huma rinfaċċjati bihom ir-rikorrenti qed jagħmluha diffiċli ferm, jekk mhux impossibbli, biex ikomplu l-attivita' tagħhom, li kif ingħad jikkonsisti fil-ġarr ta' merkanzija bit-triq, inkluż f' Malta. Dawn il-miżuri mhux biss qed jivvessaw lir-rikorrenti, iżda addirittura qed jimminaw wieħed mill-pilastri li fuqhom hija imsejsa l-istess Unjoni Ewropea, ossia l-moviment ħieles ta' oġġetti;*

13. *Illi dan kollu ġie ampjament spjegat u ribadit lid-Direttur intimat (Dok. C - ittra datata 28 ta' Novembru 2014, u Dok. D - ittra datata 16 ta' Diċembru 2014). Cio nonostante d-Direttur intimat qiegħed jirrifjuta li jirrikonoxxi dan kollu u minflok għadu jinsisti fuq l-interpretazzjoni tiegħu, bla dubju monopolistika, bil-konsegwenza li r-rikorrenti baqgħu serjament ippreġudikati;*

14. *Illi r-rifjut tad-Direttur intimat li jirrikonoxxi l-validita' tal-Liċenzja Komunitarja għal finijiet tar-rikorrenti kif fuq spjegat, jekwivali għal 'att amministrattiv' kontemplat fil-Kap 490;*

15. *Illi in extremis u sabiex jipprovaw jiżblokkaw is-sitwazzjoni inġusta li tpoġġew fiha, ir-rikorrenti, mingħajr preġudizzju, talbu lid-Direttur sabiex jagħtihom dan il-'customs permit'. Wara ħafna dilungar id-Direttur intimat żvela li għal tali permess wieħed irid japplika għand il-Ministeru tal-Finanzi (Dok. E - ittra tad-Dipartiment datata 23 ta' Diċembru 2014);*

16. *Illi dan jistona ma' dak li jgħid il-Kap 203 (invokat mid-Direttur intimat) li jsemmi "permess maħruġ mid-Dwana", kif ukoll ma' dak li kien qal preċedentement l-istess Direttur intimat fir-risposta tas-17 ta' Lulju 2014 (Dok. B) supra;*

17. *Illi madanakollu r-rikorrenti, dejjem mingħajr preġudizzju għall-posizzjoni tagħhom, ossia li għandhom jitħallew joperaw bil-liberta' kollha bis-saħħa tal-Liċenzja* Komunitarja *tagħhom, u li kwindi m'għandhom bżonn ta' ebda permess ieħor, talbu lill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jakkordalhom dan il-permess, iżda minkejja żewġ ittri formali (Dok. F' ittra datata 6 ta' Jannar 2015 u Dok. G ittra datata 11 ta' Frar 2015) li l-anqas biss ġew acknowledged, ir-rikorrenti sa llum ma ingħataw l-ebda 'customs permit'.*

18. *Illi dan l-iskiet assolut jekwivali għal ċaħda tat-talba tar-rikorrenti, li skond il-liġi jammonta għal 'att amministrattiv' a tenur tal-Kap 490;*

19. *Illi l-fatt li r-rikorrenti kollha għandhom Liċenzja* Komunitarja *jfisser li jippossjedu kwalifiki u jsegwu proċeduri u standards li jissodisfaw il-kriterji tal-Unjoni Ewropea, u jsegwi loġikament illi huma kwalifikati biżżejjed biex jiksbu tali 'customs permit';*

20. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju, il-vetturi tar-rikorrenti, kif ġja premess, kollha "jintużaw b'kiri jew kumpens" "għall-ġarr ta' merkanzija minn burdnara" u għaldaqstant għandhom jingħataw il-pjanċa appożita bl-ittri "HQ" a tenur tal-artikolu 31, sub-inċiż (1) para 'x' tal-imsemmija S.L. 368.02. Di piu', skond l-artikolu 30 tal-istess liġi hija l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta li għandha toħroġ dawn il-pjanċi. Illi dan għandu jsir indipendentement u rrispettivament minn kwalsiasi awtorizzazzjoni jew permess minn terzi;*

21. *Illi għal raġuni magħrufa biss mill-Awtorita' intimata, ir-rikorrenti ma ngħatawx dawn il-pjanċi, u meta talbuhom formalment permezz ta' ittra datata 13 ta' Frar 2015 (Dok. H), l-Awtorita' ma tat l-ebda risposta formali;*

22. *Illi madanakollu r-rikorrenti ġew informati verbalment minn uffiċjali tal-Awtorita' intimata sabiex iressqu t-talba tagħhom lid-Dipartiment tad-Dwana, u dan minkejja li skond il-liġi hija biss l-Awtorita' intimata li għandha toħroġ dawn il-pjanċi, mingħajr ebda indħil jew approvazzjoni minn terzi;*

23. *Illi dan ukoll jekwivali għal ċaħda tat-talba tar-rikorrenti, li skond il-liġi jammonta għal 'att amministrattiv' a tenur tal-Kap 490;*

24. *Illi inoltre l-ufficjali tad-Dwana qed iqisu il-customs permit a bażi tal-Kap 203 u l-pjanċa 'HQ' bħala ħaġa waħda, li mhuwiex il-każ, stante li t-tnejn jemerġu minn żewġ liġijiet distinti u separati. Barra minn hekk, aktar riċenti d-Dipartiment tad-Dwana beda jirriferi għall-customs permit bħala 'Security Pass', li wkoll mhuwiex il-każ;*

25. *Illi minkejja dawn l-interpretazzjonijiet differenti, l-operat tar-rikorrenti għadu qed jiġi imxekkel abbusivament, għaliex qed jitħallew jidħlu f' customs areas biss għal merkanzija li hija 'tagħhom' u jistgħu joħorġu biss bil-merkanzija 'tagħhom', u bi trailer wieħed akkompanjat, u inoltre jinsabu pprojbiti milli jidħlu lura sabiex joħorġu trailers oħrajn bil-merkanzija tal-klijenti tagħhom;*

26. *Illi għalhekk huwa ċar li l-intimati huma ferm riluttanti li jagħtu lir-rikorrenti l-pjanċi u l-permessi li skondhom huma meħtieġa għall-eżerċizzju ta' dan il-mestjier. Din ir-riluttanza tikkombaċja mal-perċezzjoni pubblika li dan huwa settur magħluq, u jidher ben evidenti li l-intimati ma jixtiqux jiddisturbaw l-istatus quo, anke jekk dan huwa ormai illegali stante l-liberalizzazzjoni tas-suq;*

27. *Illi għalhekk kaġun tal-aġir amministrattiv abbusiv tal-intimati jew min minnhom, ir-rikorrenti ġew sottoposti għal diskriminazzjoni inġusta, qed jitpoġġew fi żvantaġġ kontra l-kompetituri tagħhom, qed ibatu inkonvenjent żejjed, u qed jissubixxu spejjeż u danni oħra inutilment, bi ksur lampanti tad-drittijiet tagħhom;*

28. *Illi r-rikorrenti wara dan kollu reġgħu ilmentaw formalment permezz ta' protest ġudizzjarju (Dok, I) iżda l-ebda wieħed mill-intimati ma indenja ruħu jwieġeb;*

29. *Illi r-rikorrenti jixtiequ li jitħallew jeżerċitaw xogħolhom bil-liberta' u serenita' mistħoqqa, oltre rimedju għall-vjolazzjoni u danni subiti;*

30. *Illi huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat jagħmel din id-dikjarazzjoni;*

*TALBIET*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti jitolbu umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

1. *Jiddikjara qabel xejn li l-Liċenzja Komunitarja li jippossjedu r-rikorrenti hija liċenzja valida sabiex joperaw ta' burdnara ġewwa Malta kollha, inkluż fiż-żoni ta' Malta magħrufa bħala 'customs areas';*

2. *Jiddikjara li n-nuqqas tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana, u/jew tal-intimati l-oħra, li jirrikonoxxu l-validita' tal-Liċenzja Komunitarja tar-rikorrenti jekwivali għal att amministrativ a tenur tal-Kap 490;*

3. *Jirrivedi l-att amministrattiv appena imsemmi fit-tieni talba billi jiddikjara li l-Liċenzja Komunitarja li jippossjedu r-rikorrenti hija liċenzja valida sabiex joperaw ta' burdnara ġewwa Malta kollha, inkluż fiż-żoni ta' Malta magħrufa bħala 'customs areas';*

4. *Jiddikjara li n-nuqqas ta' l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex toħroġ il-pjanċi 'HQ' għall-vetturi tar-rikorrenti jekwivali għal att amministrativ a tenur tal-Kap 490;*

5. *Jirrivedi l-imsemmi att amministrattiv appena imsemmi fir-raba' talba billi jordna lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex toħroġ il-pjanċi 'HQ' għall-vetturi tar-rikorrenti, a tenur tal-S.L. 368.02, u dan fi żmien qasir u perentorju u taħt dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhirlu xierqa;*

6. *Jiddikjara li n-nuqqas tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana u/jew tal-Ministru tal-Finanzi li joħroġ favur ir-rikorrenti il-customs permit*

*kontemplat fil-Kap 203 jekwivali għal att amministrativ a tenur tal-Kap 490;*

7. *Jirrivedi l-att amministrattiv appena imsemmi fis-sitt talba billi jordna lill-Direttur Ġenerali tad-Dwana u/jew lill-Ministru tal-Finanzi sabiex li joħroġ favur ir-rikorrenti il-customs permit kontemplat fil-Kap 203, u dan fi żmien qasir u perentorju u taħt dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilu xierqa, u kemm-il darba dan ma jkunx aktar bżonnjuż stante l-akkoljiment tal-ewwel talba, billi jagħti dawk ir-rimedji oħra li jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi;*

8. *Jordna lill-intimati jew min minnhom biex iħallsu lir-rikorrenti danni likwidati, okkorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi, u dan minħabba n-nuqqasijiet kommessi mill-intimati jew min minnhom fil-konfront tar-rikorrenti.*

*B'riserva għad-danni subiti, u għal dawk li għad jistgħu isofru r-rikorrenti, u bl-ispejjeż legali u ġudizzjarji kollha, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju datat 8 ta' April 2015, kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-3 ta' Awissu 2015, l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

   1. *In linea preliminari, in kwantu r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn trattament diskriminatorju, din il-kwistjoni hija waħda ta' indoli kostituzzjonali illi ma taqax fil-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal li għalhekk għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.*

   2. *In linea preliminari wkoll, il-kompetenza vestita f'dan l-Onorabbli Tribunal bil-provvedimenti tal-Kap. 490 tal-liġijiet ta' Malta hija waħda limitata għar-reviżjoni ta' atti amministrattivi u għalhekk it-talba għall-ħlas ta' danni magħmula mir-rikorrenti hija legalment inammissibbli u wkoll ma taqax fil-parametri tal-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal.*

   3. *In linea preliminari wkoll l-Awtorita' rispondenti ma wettqet ebda 'att amministrattiv', a differenza ta' dak li qed jiġi mtenni mir-rikorrenti, u m'hemm ebda 'att amministrattiv' imwettaq mill-Awtorita' rispondenti illi dan l-Onorabbli Tribunal huwa vestit skond il-liġi bil-kompetenza li jirrevedi.*

   4. *Illi a bażi tas-sueċċepit dan l-Onorabbli Tribunal mhuwiex vestit bil-kompetenza biex jisma' u jiddeċiedi dan il-każ.*

   5. *Fil-mertu, u sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-pożizzjoni tal-Awtorita' rispondenti hija waħda korretta u konformi mal-pożizzjoni finali negozjata u pattwita mal-Unjoni Ewropea fuq dan is-settur partikolari, kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fl-4 ta' Awissu 2015 l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u d-Direttur Ġenerali (Dwana) irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jeċċepixxu l-inkompetenza ratione materie ta' dan l-Onorabbli Tribunal stante s-segwenti raġunijiet li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

   a. *Il-Liġijiet msemmija fir-rikors promotur, ossia il-Kap. 203 u l-L.S. 65.19, ma jqajmux kwistjonijiet li jaqgħu quddiem Tribunal Amministrattiv elenkat fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 490. Difatti l-imsemmija liġijiet m'humiex indikati f'din l-skeda;*

   b. *L-Onorabbli Tribunal ma huwa vestit bl-ebda setgħa li jordna ħlas ta' danni allegatament sofferti kif pretiż mir-rikorrenti fit-talba numru 8 tar-rikors promotur iżda huwa biss kompetenti sabiex jirrivedi atti amministrattivi fit-termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 490;*

2. *Illi fil-mertu l-esponenti jirrileva li l-esponenti jirrispinġu l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet kif dedotti fir-Rikors Promotur bħala infondati fil-fatt għar-raġunijiet segwenti li wkoll qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

   a. *Illi ai termini tar-Regolament tal-EU 1072/2009 persuna tinħarġilha liċenzja għat-trasport ta' merkanzija bit-triq b'kera jew b'kumpens fl-ambitu tal-istess Regolament skont id-definizzjoni kif stipulata fl-Artikolu 2 u ċioe għall-aċċess għas-suq internazzjonali minn pajjiż għall-ieħor fit-territorju komunitarju tat-trasport bi triq tal-merkanzija, li del resto hu ben divers minn xogħol li jinvolvi l-irrilaxxar ta' merkanzija ai finijiet tal-liġijiet doganali;*

   b. *Illi mill-banda l-oħra l-artikolu 3 tal-Kap.203 jagħmilha ċara li "Ħadd ma jista' jagħmilha ta' burdnar ħlief b'permess tad-Dwana u skont permess tad-Dwana mogħti għal hekk mill-Kontrollur", liema permess "jiġi maħruġ jew imġedded wara l-ħlas ta' dak id-dritt li l-Kontrollur, bi ftehim mal-Ministru, jista' jistabbilixxi, u għandu jkollu dawk il-pattijiet, kondizzjonijiet u limitazzjonijiet li bihom u li suġġett għalihom ikun ġie mogħti l-permess tad-Dwana",*

   c. *Illi wkoll, l-artikolu 3(4) tal-istess Kap jippreskrivi li "Id-detentur ta' permess mid-Dwana għandu f'kull waqt ikollu fil-pussess tiegħu permess ta' operatur maħruġ mill-Awtorita' għat-Trasport f 'Malta".*

   d. *Illi inoltre għandu jiġi ċċarat li d-definizzjoni ta' trasport fl-Artikolu 2 tal-Kap 203 jistipula b'mod ċar li 'trasport' ma jinkludix iċ-ċaqliq ta' merkanzija minn xi tinda tad-Dwana, maħżen tad-depożt, depożt, veranda, moll jew post ieħor ta' depożt f'port għal xi post ieħor bħal dawn u l-ġarr ta' merkanzija bil-baħar, u*

*għalhekk anke għal din ir-raġuni, il-liċenzja maħruġa ai termini tar-Regolament 1072/2009 tal-Kunsill m'għandux japplika għat-trasport fiż-żoni taħt il-kontroll dirett tad-Dwana;*

e. *Illi di piu jiġi rilevat li l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, fit-trattativi ma' Malta qabel is-sħubija tagħha fl-Unjoni Ewropea, kienet aċċettat li s-sistema ta' permessi maħruġa mid-Dwana għal-xogħol ta' Burdnar fit-termini tal-artikolu 2 tal-Kap. 203 ma hijiex kwistjoni ta' "market access" iżda sempliċiment tikkonċerna "security-pass arrangements to restricted port areas";*

f. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

**Provi:**

4. Rat li l-proċeduri nbdew quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-10 ta' Lulju 2015.

5. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2016, quddiem tali Tribunal, ir-rikorrenti irtiraw it-tmien talba tagħhom għad-danni.

6. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2016, it-Tribunal qajjem 'ex ufficjio' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tiegħu.

7. Rat illi fit-3 ta' Ottubru 2017, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva laqa' l-eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' kompentenza mqajjma mill-intimati u bagħat l-atti lill-Prim' Awla Qorti Ċivili skont l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 (fol 169 tal-proċess tat-Tribunal).

8. Rat li l-atti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ġew mgħoddija lil dina l-Qorti, diversament ippresjeduta.

9. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Galea** mogħtija fit-18 ta' Jannar 2018 (fol 7).

10. Rat ix-xhieda ta' **Andrew Abela**, direttur tas-soċjeta' 3 Way Limited, mogħtija fit-18 ta' Jannar 2018 (fol 8).

11. Rat l-affidavit ta' **Giovanni Morguello** direttur tas-soċjeta' 3 Way Limited, ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2018 (fol 13).

12. Rat l-affidavit ta' **John Vella** direttur tas-soċjeta' 3 Way Limited, ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2018 (fol 15).

13. Rat l-affidavit ta' Andrew Abela direttur tas-soċjeta' 3 Way Limited, ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2018 (fol 17).

14. Rat l-affidavit ta' **Raniero Paul Borg**, ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2018 (fol 22).

15. Rat l-affidavit ta' **Anthony Schembri**, direttur tas-soċjeta' Agritrans Logistics Ltd, ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2018 (fol 25).

16. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

17. Rat l-affidavit ta' **Joseph Chetcuti**, Direttur Ġenerali Dwana, ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2018 (fol 27).

18. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti fil-15 ta' Ottubru 2019.

19. Semgħet ix-xhieda ta' Anthony Schembri mogħtija in kontro-eżami fil-11 ta' Frar 2020 (fol 46).

20. Semgħet ix-xhieda ta' Raniero Paul Borg mogħtija in kontro-eżami fil-11 ta' Frar 2020 (fol 62).

21. Semgħet ix-xhieda ta' Giovanni Morguello mogħtija in kontro-eżami fit-13 ta' Ottubru 2020 (fol 85).

22. Semgħet ix-xhieda ta' **Alfred Camilleri**, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2020 (fol 94) u rat id-dokumenti minnu ppreżentati (fol 109 *et sequitur*).

23. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana fl-1 ta' Diċembru 2020, ossija kopja tal-liċenzja sabiex persuna tista' taġixxi ta' burdnar ai termini tal-Kapitolu 203 tal-Liġijiet ta' Malta (fol 115).

24. Rat li fid-19 ta' Frar 2021, Transport Malta iddikjarat li m'għandhiex aktar provi salv kontro-eżamijiet.

25. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mid-Direttur Ġenerali Dwana u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi fis-27 ta' April 2021 ossija s-segwenti:

    a. Rikjesta għall-informazzjoni da' parte tal-European Commission Directorate-General for Mobility and Transport bit-titolu '*Customs premits for hauliers carrying our international transport for hire and reward*' (EU Pilot Ref No 6711/14) u risposta tal-Gvern Malti (fol 120 – 124).

    b. Snapshots mis-sit tal-Kummissjoni Europeja 'Themis/EU Pilot', li jindika illi dana l-iskambu sar bejn it-23 ta' Lulju 2014 u id-29 ta' Mejju 2017 u hemm dikjarazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2017 fejn huwa dikjarat mill-Kummissjoni illi hija sodisfatta bir-risposti lilha mogħtija (125 – 127).

26. Rat id-dokument eżebit mill-Ministru tal-Finanzi fis-17 ta' Ġunju 2021, ossija id-disgħa kapitolu tal-Accession Conference with Malta intitolat Transport Policy u datat 26 ta' Ottubru 2001 (fol 129 – 134).

27. Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Chetcuti in kontro-eżami mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2021 (fol 140).

28. Rat li fl-24 ta' Ġunju id-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Ministru tal-Finanzi iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi.

29. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Alfred Camilleri mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 (fol 156).

30. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta' Alfred Camilleri mogħtija fit-22 ta' Marzu 2022 (fol 166).

31. Rat li fit-22 ta' Marzu 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali tal-partijiet wara li ngħalqu l-provi.

32. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2022 (fol 182).

33. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-intimat Awtorità għat-Trasport f'Malta tad-9 ta' Frar 2023 (fol 207).

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tad-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi ippreżentata fil-25 ta' April 2023 (fol 213).

35. Rat illi fil-25 ta' April 2023, il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**Fatti tal-każ**

36. Jirriżulta li r-rikorrenti lkoll joperaw fil-qasam tal-ġarr tal-merkanzija fit-toroq, permezz ta' vetturi kummerċjali appożiti, u joperaw fit-territorju tal-Unjoni Ewropea inkluż Malta, u huma proprjetarji ta' diversi vetturi kummerċjali meħtieġa għal dan il-għan.

37. Jirriżulta li l-vetturi tagħhom, huma liċenzjati għat-trasport ta' merkanzija fit-triq, ai fini u effetti tal-liġi inkluż leġiżlazzjoni sussidjarja SL 38.02.

38. Jirriżulta li r-rikorrenti wkoll huma lkoll fil-pussess ta' liċenzja komunitarja, maħruġa mit-Transport Malta, sabiex ikunu jistgħu joperaw f'tali qasam. (vide fol 25 sa 34 tal-proċess tat-Tribunal).

39. Jirriżulta li r-rikorrenti jikkontendu li qed jiġu ostakolati u impeduti milli jeżerċitaw ix-xogħol tagħhom f'żoni partikolari f'Malta, u dana fiż-żona tal-port, dan kaġun tar-restrizzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tad-Dwana.

40. Jirriżulta li r-rikorrenti ħassuhom aggravati u kitbu ittra lid-Direttur tad-Dwana fid-9 ta' Lulju 2014 u d-Direttur wieġeb fis-17 ta' Lulju 2014 fejn qal li l-miżuri huma ġustifikati abbażi tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 203.

41. Jirriżulta li ir-rikorrenti baqgħu jinsistu li l-interpretazzjoni tad-direttur intimat hija skorretta u reġgħu kitbu ittra lid-Direttur intimat fit-28 ta' Novembru 2014 u fis-16 ta' Diċembru 2014 u fit-23 ta' Diċembru 2014, id-Dipartiment tad-Dwana informa li għall-permess ta' Burdnar, trid issir applikazzjoni mal-Ministeru tal-Finanzi.

42. Jirriżulta li konsegwentement, ir-rikorrenti kitbu lill-Ministeru tal-Finanzi fis-6 ta' Jannar 2015 u 11 ta' Frar 2015, iżda ma ngħataw ebda risposta.

43. Eventwalment, fl-10 ta' Lulju 2015, nedew il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, li eventwalment spiċċaw quddiem dina l-Qorti.

## Kunsiderazzjonijiet fil-mertu

44. Il-Qorti tibda billi tosserva illi, din l-azzjoni bdiet quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u kienet azzjoni ai termini tal-Kapitolu 490. Sussegwentement, wara deċiżjoni tat-Tribunal, din l-azzjoni biddlet ix-xejra tagħha għall-waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-azzjoni odjerna hija llum ibbażata fuq l-artikolu 469A (1)(b)(ii)(iii) u (iv) tal-Kap 12.

45. Dwar il-każ innifsu, jirriżulta illi l-pern prinċipali tal-każ odjern illi l-ewwel talba tar-rikorrenti, ossija dik illi jiġi dikjarat li l-liċenzja komunitarja li huwa jippossjedu, maħruġa lilhom mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, hija liċenzja valida sabiex joperaw bħala <u>burdnara</u> ġewwa Malta kollha inkluż fiż-żoni ta' Malta, magħrufa bħala 'customs areas'.

46. Jirriżulta illi, talba oħra illi saret, li hija marbuta ma' l-ewwel talba, hija sabiex jiġi dikjarat, u sussegwentement ordnat, li l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta tipprovdilhom pjanċi bl-ittri 'HQ' għall-vetturi tagħhom.

47. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta, apparti eċċezzjonijiet preliminari, fil-meritu saħqet li r-rifjut tal-Awtorita' li tipprovdihom b'pjanċi bl-ittri 'HQ' kienet waħda korretta u konformi mal-pożizzjoni finali negozjata u pattwita mal-Unjoni Ewropea, fuq dan is-settur partikolari, għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti, għaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

48. L-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u d-Direttur Ġenerali Dwana, eċċepixxa fil-mertu, li persuna tista' tinħarġilha liċenzja tat-trasport ta' merkanzija bit-triq, jew b'kumpens ai termini tar-regolament tal-EU 1072/2009, iżda tali liċenzja m'għandhiex tapplika għat-trasport fiż-żoni taħt il-kontroll dirett tad-dwana. Insista li l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea fit-trattattivi ma' Malta, qabel is-sħubija tagħha fl-Unjoni Ewropea, kienet aċċettat li s-sistema ta' permessi maħruġa mid-dwana għax-xogħol ta' burdnar fit-termini ta' l-artikolu tnejn (2) tal-Kapitolu 203, mhijiex kwistjoni ta 'market access', iżda tikkonċerna 'security pass arrangements to restricted port areas.'

## Eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta

49. Il-Qorti tosserva illi, quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta qajjmet varji eċċezzjonijiet preliminari.

50. Ġie eċċepit preliminarjament, li peress li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn trattament diskriminatorju, din il-kwistjoni hija waħda ta' indoli Kostituzzjonali. Il-Qorti, madanakollu, tqis illi la darba issa l-kwistjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 469A, tali linja difensjonali hija superfluwa.

51. Ġie eċċepit wkoll in-nuqqas ta' kompetenza kif ukoll ineżistenza ta' att amministrattiv da parte tal-Awtorita', madanakollu dawna l-eċċezzjonijiet huma lkoll sorvolati issa li din il-Qorti ġiet mgħoddija l-proċeduri odjerni quddiemha.

52. Għaldaqstant, l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ser jiġu lkoll miċħuda.

53. Jingħad ukoll illi l-intimati Ministru tal-Finanzi u Direttur Ġenerali Dwana ressqu ukoll eċċezzjonijiet preliminari dwar kompetenza, iżda dawna ġew irtirati hekk kif il-proċeduri inġiebu quddiem dina l-Qorti.

## Kunsiderazzjonijiet fil-mertu

54. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, l-ilment prinċipali tar-rikorrenti huwa illi li, minkejja li għandhom liċenzja komunitarja sabiex iġorru merkanzija fit-triq, l-intimati qed jirrifjutaw li joħorġulhom permess sabiex joperaw ta' burdnara ġewwa Malta kollha, inkluż l-'hemm imsejjħa 'Customs' Area", u għalhekk, bħala riżultat, lanqas ma huma qed jingħataw il-pjanċi bl-Ittra HQ sabiex ikunu jistgħu joperaw ġewwa "Secure Port Areas".

## Differenzi bejn Trasportatur u Burdnar

55. L-intimati Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi sostnew, li d-deċiżjoni li ma toħroġx il-permess ta' '*burdnara*' lir-rikorrenti, hija deċiżjoni meħuda in konformità mal-liġi senjatament mal-**Artikolu 3(1)u (2) tal-Kap.203 tal-Ligijiet ta' Malta** ossija l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija, li jipprovdi li:

> *"(1) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' burdnar ħlief b'permess tad-dwana u skond permess tad-dwana mogħti, għalhekk minn kontrollur."*
>
> *(2) Kull permess tad-Dwana ta' l-UE għandu jiġi maħruġ, jew imġedded wara l-ħlas ta' dak id-dritt li il-Kontrollur, bi ftehim mal-Ministru, jista' jistabbilixxi, u għandu jkollu dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet, li bihom u li suġġett għalihom ikun ġie mogħti il-permess tad-Dwana."*

56. Minn eżami tal-provi kollha migjuba kemm riżultat tat-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll id-difiżi mqajjma, l-pern kollu tal-każ huwa d-definizzjoni ta' '*burdnara*' skond il-Liġi flimkien mal-mansjonijiet lilhom mogħtija w jekk il-liċenzji li għandhom fil-pussess tagħhom r-rikorrenti iffissrux illi huma attwalment 'burdnara'.

57. Minn eżami akkurat tal-atti tal-każ, jidher illi teżisti distinzjoni ċara bejn il-permess komunitarju "*għat-trasport ta' merkanzija bit-triq b'kera jew b'kumpens*" u l-permess ta' burdnar.

58. Il-permess komunitarju, jagħti l-permess li jinġibdu l-vetturi, fejn jagħmilha ċara illi dana qed jingħata: (fol 25 tal-proċess tat-Tribunal)

> *"Biex ikun jista' jwettaq trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq, b'kera jew b'kumpens, b'kull rotta, għall-vjaġġi sħaħ jew parti minn vjaġġi li jitwettqu b'kera jew b'kumpens fit-territorju Komunitarju, kif stabbilit fir-Regolament KE Nru 1072/209 tal-parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija u skond id-disposizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja"*

59. Madankollu, huwa biss min għandu l-permess ta' burdnar, li għandu l-liċenzja biex jidħol f'żoni magħrufa bħala 'customs areas.' Dana joħroġ ċarament fl-**artikolu 2 tal-Kapitolu 203 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jiddefinixxi 'burdnar' kif ġej:

> *"burdnar" tfisser kull min ikun id-detentur ta' permess maħruġ mid-dwana u li xogħlu jkun:*
>
> *(a) li jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-dwana u li jgħaddi mid-dipartiment tad-dwana, dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija; u*
>
> *(b) l-irtir ta' merkanzija minn xi tinda tad-dwana, maħżen ta' depożt, veranda, moll jew post ieħor waqt tad-depożt, u t-trasport ta' dik il-merkanzija minn hemm għal post ta' konsenja; u*
>
> *(c) L-irtir ta' merkanzija minn xi fabbrika, depożt jew lokal ieħor u t-trasport ta' dik il-merkanzija minn hemm għal-moll jew post ieħor ta' depożt għall-imbark;"*

60. Dwar ir-rwol ta' burdnar, xehdu fid-dettall Joseph Chetcuti, Direttur Ġenerali tad-Dwana, kif ukoll Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi.

61. Jirriżulta li l-irwol ta' burdnar kien, sa minn dejjem, marbut mal-ipproċessar tal-ħruġ ta' merkanzija mid-dwana, fejn għandhom ċerta responsabbiltajiet peress li jieħdu ħsieb li jippreżentaw dokumentazzjoni kollha lid-Dwana u jġorru oġġetti li fuqhom jkun għad ma tħallsitx it-taxxa dovuta, tant illi l-liġi tesiġi li jkollhom garanzija li tagħmel tajjeb għal kwalsiasi dazju li ma titħallasx. Tali obbligi, mill-banda l-oħra, ma humiex imposti fuq ir-rikorrenti, peress illi xogħolhom huwa prettament dak li iġorru merkanzija minn post għall-ieħor u mhux jipproċessaw dokumentazzjoni, kif fuq ahjar deskritt. Għalhekk, kif jinsisti Joseph Chetcuti, ir-regolament numru 1072/2009, dwar ġarr ta' merkanzija bejn pajjiż u ieħor, ma huwa ta' ebda rilevanza għall-funzjoni ta' burdnar.

62. Jirriżulta li kull min huwa reġistrat bħala 'burdnar' huwa sussegwentement intitolat jingħata pjanċa differenti bl-ittra 'HQ', liema pjanċa hija intiża unikament sabiex l-uffiċjali tad-Dwana, hekk kif ikunu qed jipproċessaw il-vetturi ħerġin u/jew deħlin ġewwa ż-żona ristretta minnhom ikkontrollata, ikunu jistgħu faċilment jiddistingwu il-vetturi tal-'burdnara' mill-vetturi ta' terzi li, bħala regola, ma għandhomx permess jidħlu fiż-żona ristretta b'mod mhux kontrollat.

63. Dwar ir-responsabbiltajiet addizzjonali illi Burdnar għandu a differenza ta' trasportatur, bħalma huma r-rikorrenti, fil-kontro eżami tiegħu, s-Sur Joseph Chetcuti spjegaha b'mod ċar kif ġej (fol 145)

> *Addizzjonali fis-sens illi burdnar huwa an authorised customs broker. Igifieri burdnar jirrappreżenta lill-importatur mad-dwana billi jagħmel id-dikjarazzjonijiet f'isem l-importatur fis-sistema tad-dwana. Trasportatur ma għandux din ir-responsabbilta. Burdnar jista' jkun qed iġorr merkanzija li jista' jkun għadha mhux sdagonata ... igifieri għandha under duty suspension għax qed tingarr minn post ikkontrollat mid-dwana għal mahzen ikkontrollat mid-dwana. U allura l-merkanzija għadha mhux sdagonata. Trasportatur biex joħroġ merkanzija minn post ikkontrollat mid-dwana jrid l-ewwel tiġi*

*sdagonata dik il-merkanzija. It-tielet ... għal dawn ir-raġunijiet li semmejt, burdnar għandu l-kompitu li jkollu garanzija bankarja li tkopri d-dazju perikolat. Trasportatur ma għandux iġifieri ... community licence holder ma huwiex burdnar.*

64. Dwar dak illi jistgħu jagħmlu r-rikorrenti, bħala trasportaturi, l-istess Joseph Chetcuti żied jgħid is-segwenti:

*Jekk ġej ... jekk ġej minn territorju ieħor u qed iġorr merkanzija, dik il-merkanzija jista' joħroġha, imma kif joħroġ, jekk għandu aktar merkanzija li ma hiex tiegħu ... għax kieku tiegħu jista' jidhol għaliha ... hemm hekk irid ikollu liċenzja ta' burdnar biex jerġa' jidħol għaliha.*

65. Mitlub jispjega aktar dwar dan, huwa saħaq is-segwenti:

*Ġejt bil-vapur ... trakk qed jiġbed trailer u bqajt ħiereġ. Pero jekk għandek trailer ieħor ma tistax, jekk mhux tiegħek ... għax jekk hu tiegħek għandek dritt tidħol għalih int ... iġifieri ħadd ma ... ħadd mhu ha jiddomandak illi tqabbad lil xi ħadd għal servizz jekk ix-xogħol huwa tiegħek. Imma jekk inti emm ...*

*... Jekk inti se tidħol għal xogħol ta' ħaddieħor, jekk ma għandekx liċenzja ta' burdnar le.*(ma tistax tidħol)

66. Jirriżulta, għalhekk, minn tali xhieda, illi fil-present, ir-rikorrenti, bħala sewwieqa ta' vetturi, hekk kif jaslu Malta bil-merkanzija minn pajjiż fl-Ewropa, prinċipalment l-Italja, jistgħu jibqgħu ħerġin bil-merkanzija illi huma jkunu qed jiġbdu warajhom, madanakollu, jekk huma għandhom aktar minn 'container' wieħed fuq il-vapur, huma jistgħu biss joħroġu bil-container illi huwa mqabbad mat-trakk ossija żiemel tagħhom, u xejn aktar – l-oħrajn iridu joħorġuhom l-'burdnara', li għandhom dritt li jaċċedu ġewwa l-'customs area' in vista tal-liċenzja ta' burdnara illi għandhom. Jirriżulta wkoll illi, mill-banda l-oħra, illi d-dritt mogħti lit-trasportatur li jġorr il-merkanzija tiegħu ma japplikax f'każ meta l-merkanzija tkun qiegħed titgħabba fuq il-vapur biex tittieħed 'il barra minn Malta, u dana peress li, f'dan il-każ, tali merkanzija trid titgħabba bil-fors mill-'burdnar'.

## "Restricted Secure Areas"

67. Dwar l-operazzjoni ta' '*restricted secure areas*' w il-limitazzjonijiet imposti fuq l-aċċess tiegħu, xehed fid-dettall Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, li kien saħansitra involut direttament fid-diskussjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja qabel ma' Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja. Huwa enfasizza li 'restricted secure areas' huma ta' importanza strateġika għall-pajjiż, u għalhekk jaqgħu esklussivament fil-kompetenza tal-pajjiż u ta' ħadd iżjed.

68. Huwa saħaq li meta Malta kienet qed tinnegozja d-dħul tagħha fl-Unjoni Ewropeja, illi wasslet għall-konklużjoni tal-hekk imsejjħa 'Acquis Comunitaire' li abbażi tiegħu l-isħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja ġiet aċċetata u konkluża, il-kwistjoni miġjuba quddiem dina l-Qorti hija diskussa u kkunsidrata ċarament fil-Kapitlu 9 imsemmja "Transport Policy", fejn jingħad dan li ġej: (fol 130)

> *The EU notes Malta's confirmation that the "Burdnara" permit system is not a market access issue, as it simply concerns "security-pass" arrangement to restricted port areas, and that upon acession Malta will grant full market access to Community hauliers in conformity with Regulation (EEC) 881/92 and regulation (EEC) 3118/93).*

69. Jidher għalhekk ċar illi, sa minn Ottubru 2001, meta ġie konkluż tali Acquis, id-distinzjoni bejn Burdnar u "Cargo Haulier", kif inhuma meqjusa r-rikorrenti, kien deskritt bħala wieħed prettament relatat ma' "security pass arrangements" u ma kienx intiż sabiex ixekkel lill-operaturi f'dan il-qasam milli jaċċedu għas-suq b'mod liberu.

70. Dwar l-ilment odjern tar-rikorrenti, Alfred Camilleri stqarr illi, fis-sena 2014, qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni, infetħet investigazzjoni kontra Malta mill-Kummissjoni Ewropea tal-EU Pilot, intitolat '*Customs permits for hauliers carrying out international transport for hire and reward*', fejn, abbażi ta' żewġ rapporti li sarulha minn "maltese hauliers", l-awtoritajiet Maltin intalbu spjegazzjoni fuq is-segwenti:

> *Can the Maltese authorities provide more details regarding the customs permits that appear to be required under Chapter 203 of Maltese customs law, including the text of the Chapter, the conditions under which permits are issued and the cases in which they are required?*
>
> *Are the Maltese authorities aware of cases in which the need for such permits may have delayed or otherwise created difficulties for hauliers carrying out international road haulage to and from Malta? If so, how did the Maltese authorities address these?*

71. Kif ġie dikjarat u spjegat lill-Kummissjoni Ewropea mill-Awtoritajiet Maltin,

> *... the Maltese authorities would like to draw your attention to the EU Common Position under Chapter 9: Transport (CONF-M 80/01) dated 26 October 2001, wherein the EU notes Malta's confirmation that the "Burdnara" permit system is not a market access issue, as it simply concerns "security-pass" arrangements to restricted port areas, and that upon accession Malta will grant full market access to Community hauliers in conformity with Regulation (EEC) 881/92 on access to the market in the carriage of goods by road within the Community to or from the territory of a Member State or passing across the territory of one or more Member States and Regulation (EEC) 3118/93 laying down the conditions under which non-resident carriers may operate national road haulage services within a Member State. Malta is fully in line with the Regulations in question and as such the number of passes is restricted due to space considerations within the local ports rather than a restrictive practice.*

72. Jirriżulta illi fis-26 ta' Ġunju 2017, ossija waqt illi l-kawża odjerna kienet għaddejja, il-Kummissjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar x'tinvestiga dwar l-ilment u "*The Commission services are satisfied with the reply rovided by the Member States.*" (fol 127.

73. Dwar in-natura ta' 'secure area', Alfred Camilleri, fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2020, jagħmel analoġija interessanti u f'waqtha mas-sitwazzjoni ġewwa l-ajruport ta' Malta, fejn jgħid is-segwenti:

> *"Il-management tas-secure areas tagħna, is of national competence, u jagħmel il-Gvern Malti u l-ebda ħaddieħor………*
>
> *…….. Mela min hu dieħel, meta ġejja il-merkanzija hemmhekk, dik tista' tibqa' għaddejja .... market access....... M'għandekx hemmhekk..... Hemmhekk dħalt mill-airport, wasalt u bqajt ħiereġ.*
>
> *Jekk hemm suspett raġonevoli fuq xi ħaġa għandhom dritt iwaqqfuk sewwa.......... Għax ġieli anke fuq hemmhekk ġejna iċċallenġjati........ Huwa hemmhekk għamilna pożizzjoni ċara........ Imma dik tipprovdi l-liġi.........*
>
> *Imma ladarba ħriġt mis-'secure area', hemmhekk jiena mhux qed intellfek minn xejn.*
>
> *Jekk jiena ġejt container............ Dak bqajt ħiereġ bih........ Jekk jiena transporter għax jekk per eżempju ġejt b'container tiegħi personali, nista' u għandi dritt nagħmel l-istess. M'għandi bżonn inqabbad lil ħadd jiġifieri biex inkunu ċerti. Jekk jiena transporter, jien għandi dritt bażikament jmiss it-territorju, il-bordura ekonomika Maltija. Għandi dritt. U ħadd ma jmissuli dak id-dritt. Mela allura hemmhekk bqajt dieħel.......... Ladarba jien ma dħalt fit-territorju Malti li minn burdura tas-'secure area', bażikament hemmhekk issa biex tidħol lura fis-'secure area', Hemmhekk tgħaddi skond l-arranġamenti li għandna għas-'secure area'. Mela, jiena hemmhekk essenzjalment trid taqbad dik il-parti taħt il-management kompetenza nazzjonali....... Hemmhekk nimmaniġġja jien, u mbagħad jibqa' sejjer bil-container fejn trid. U assigurajtlek l-aċċess ukoll.*
>
> *Imma fejn jidħol is-'secure areas' bażikament min jidħol hemmhekk, u b'liema kundizzjonijiet jidħol, dik hija domain tal-Gvern Malti."*

74. Il-Qorti tosserva li, mill-provi kollha mressqa quddiem dina l-Qorti, kif ukoll ix-xhieda mogħtija kemm mir-rikorrenti stess kif ukoll minn rappreżentanti ta' l-intimat, huwa ċar illi, ai termini tal-Kap 203, hemm distinzjoni netta bejn 'trasportatur' u 'burdnar'.

75. Jidher ċar illi 'trasportatur' huwa persuna li xogħlu huwa esklussivament dak li jġorr merkanzija, minn pajjiż għal ieħor, permezz ta' vetturali bir-roti intiżi għal hekk.

76. Jirriżulta ċar, mill-banda l-oħra, illi 'burdnar' huwa persuna li xogħolu huwa definit kif ġej:

    (a) jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-Dwana u li jgħaddi mid-Dipartiment tad-Dwana dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija;

    (b) jirtira ta' merkanzija minn xi tinda tad-dwana, maħżen tad-depożt, depożt, veranda, moll jew post ieħor ta' depożt u t-trasport ta' dik il-merkanzija minn hemm għal post ta' konsenja;

(c) jirtira merkanzija minn xi fabbrika, depożt jew lokal ieħor u t-trasport ta' dik il-merkanzija minn hemm għal moll jew post ieħor ta' depożt għall-imbark.

77. Għaldaqstant, jidher ċar illi Burdnar jista' jidħol ġewwa 'secured areas' u jagħmel varji servizzi, fosthom li jiġbed jew idaħħal merkanzija ġewwa tali żoni, filwaqt illi trasportatur, ossija "cargo hauliers", fil-każ odjern ir-rikorrenti, huma preklużi milli jagħmlu dan.

78. Ma għandu jkun għalhekk hemm ebda dubju illi, għal dak illi jirrigwarda l-azzjoni tad-Direttur Ġenerali Dwana w il-Ministeru tal-Finanzi bħala responsabbli għall-hekk imsejjħa 'secured areas' tal-port, ħadd, għajr 'burdnar', ma jista' jiġi aċċettat li jagħmel dikjarazzjonijiet lid-Dwana u jgħaddi d-dokumentazzjoni rikjesta mid-Dipartiment tad-Dwana illi għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija.

79. Ma għandu jkun ebda dubju ukoll illi, dwar ġarr ta' merkanzija kemm 'il barra minn kif ukoll 'il ġewwa żoni operati mid-Dwana, 'trasportatur' jista' jġorr 'il barra biss merkanzija illi qiegħda tinġarr minnu stess fiżikament, iżda ma jistax jopera biex jirtira jew iħott merkanzija ġewwa tali zoni, peress illi dik hija l-mansjoni esklussiva tal-burdnar.

## Ħruġ ta' pjanċa 'HQ" da parte tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta

80. Jirriżulta illi lment ieħor imressaq mir-rikorrenti kien il-fatt illi l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta kienet qed tirrifjuta li toħroġ pjanċa tal-'HQ' lir-rikorrenti, taħt il-pretest illi ma kinux Burdnara.

81. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi l-klassifikazzjoni tal-pjanċa 'HQ' ma toħroġ minn ebda Liġi u/jew Regolament li abbażi tiegħu topera l-Awtorita', iżda kienet biss rikjesta magħmula lilhom mill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jaġevolaw lill-Uffiċjali tad-Dwana fil-qadi ta' xogħolhom ġewwa is-'secured areas', fejn l-Awtorita' ġiet mitluba sabiex toħroġ pjanċi bl-ittri 'HQ' lill-burdnara kollha, sabiex dawna jkunu jistgħu jużawhom fuq il-vetturi tagħhom huma w deħlin jew ħerġin minn tali 'secured areas', u jkunu faċilment visibbli mill-uffiċjali tad-Dwana.

82. Jirriżulta, di fatti, anke mix-xhieda ta' Joseph Chetcuti, li HQ Plate hija biss mezz ta' għajnuna għall-Uffiċjali tad-Dwana, u xejn aktar, u ma hijiex pjanċa li hija b'xi mod regolata minn xi regolamenti appositi. Huwa di fatti jgħid:

*.... l-permess meħtieġ biex burdnar ikun jista' jidħol f'żona ta' sigurta' ... żona ristretta ... jinħareġ mill-kontrollur tad-dwana. Imma ai fini ta' għajnuna ta' identifikazzjoni kien hemm ftehim illi ... iġifieri biex persuna tidħol f'żona ristretta u kontrollata mid-dwana hemm bżonn il-permess, u l-liċenzja ta' burdnar kif maħruġa mid-Dipartiment tad-Dwana. Imma għal faċilitazzjoni tal-persuna li tkun fil-grada ... fil-gate ... kien hemm ftehim li l-HQ Plates jingħataw lil burdnara liċenzjati mid-dwana biex ikun mezz ta' identifikazzjoni addizzjonali viżibbli meta persuna tippreżenta ruħha emm ... fil-grada tad-dwana.*

83. Jirriżulta, għalhekk, illi ladarba r-rikorrenti ma għandhomx il-liċenzja ta' "burdnar", dan ifisser illi l-Awtorita' ma kellhiex il-ħtieġa li tipprovdihom bi pjanċa 'HQ', peress illi biha xorta waħda r-rikorrenti ma setgħux jidħlu fiż-żona restritta.

84. Għalhekk, it-talba tar-rikorrenti kif diretta lejn l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, ma tistax tiġi milqugħa favorevolment.

## Ħsibijiet tal-egħluq

85. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-mansjonijiet tal-Qrati huwa dak illi jevalwaw ilmenti u rikjesti abbażi tal-liġijiet viġenti f'Malta w jaslu għal konklużjoni dwar il-meritu illi quddiemhom ikun qed jiġi kkunsidrat.

86. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, il-kwistjoni prinċipali illi għandha quddiemha dina l-Qorti hija l-ilment ta' operaturi ta' vetturi tal-ġarr, magħrufa wkoll bħala 'cargo hauliers', fejn qed jikkontendu illi huma għandhom jitqiesu bħala "burdnara" għal finijiet kollha tal-Liġi, u għalhekk l-għajta prinċipali tagħhom hija li għandhom jingħataw l-istess "privileġġi" li għandhom il-"burdnara".

87. Kif wasslet għall-konklużjonijiet tagħha dina l-Qorti, fil-leġislazzjoni odjerna nostrana, il-mansjonijiet ta' "*burdnar*" huma ben stabbiliti fil-Kap 203 u huma differenti minn dawk ta' operaturi ta' vetturi tal-ġarr, u dan għar-raġunijiet ġia fuq spjegati.

88. Din il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi, għalkemm huwa ben stabbilit fil-Liġi li aċċess għaż-żoni ġewwa l-port huma restritti unikament għall-burdnara, jidher illi llum il-ġurnata, ma hemm assolutament ebda mezz kif wieħed jista' japplika għall-liċenzja ta' burdnar.

89. Alfred Camilleri, meta kien qiegħed jixhed dwar l-applikazzjonijiet li għamlu r-rikorrenti sabiex isiru burdnara, qal is-segwenti: (fol 161)

> *Domanda: fil-każ tas-Sur Abela u r-rikorrenti l-oħrajn naf sew li ttieħdet deċiżjoni biex tali permess ma jinħariġx?*
>
> *Risposta: Għaliex applikazzjonijiet għal permessi ma nfetħu qatt. Il-permessi ma tistax tiġi inti u tgħidli isma' tini permess ...*
>
> *Domanda: Il-għala?*
>
> *Risposta: Għax ma taħdimx hekk is-sistema. Meta tiftaħ il-permessi trid tiftaħ an open competition sewwa ... qed ngħidlek jiena għax jiena dħalt sewwa fiha din bażikament. Fil-fatt hemm stipulat li through policy bażikament ... internal policy hemm mija u tlettax (113) il-permess ... joperaw hemm mija u ħdax. Hemm tnejn vakanti ... emm ... ittieħdet deċiżjoni li ma jintlewx lanqas. Bażikament hija kwistjoni ta' policy ta' jekk għandhomx jinħarġu ... għaliex mija u ħdax (111) u mhux mija u għoxrin (120)? Hija kwistjoni ta' policy.*
>
> ...
>
> *Domanda: Il-proċedura li inti qed issemmi hija ġejja mhux mil-Liġi imma mil-policy, correct?*
>
> *Risposta: Hija l-policy.*
>
> *Domanda: Hija policy. Issa mela ... inti tikkonferma allura li ttieħdet id-deċiżjoni li ma ... ma ... ma jinfetħux dawn is-sejħiet ...*

*Risposta: Iva.*

90. Jirriżulta ċar, għalhekk, li l-Gvern u l-awtoritajiet kompetenti, b'deċiżjoni unilaterali tagħhom, qegħdin fil-present iċaħħdu lir-rikorrenti, u kwalsiasi persuna oħra bħalhom, milli japplikaw għall-permess ta' "burdnar", liema deċiżjoni qiegħda tibbenefika biss lil mija u ħdax-il (111) burdnar li qed jiġi lilhom assikurat xogħol li jista' jsir faċilment mit-trasportatur stess, iżda li jkollu jsir mill-burdnara flok it-trasportaturi għax l-Awtoritajiet kompetenti qed jirrifjutaw li joħorġu permessi oħra.

91. Dana ir-rifjut da' parte tal-Awtoritajiet kompetenti qiegħed iwassal għall-sitwazzjonijiet assurdi fejn trasportaturi li jkollhom saħansitra container vojt ġewwa żona sigura, jiġifieri ma hemm assolutament ebda merkanzija ġewwa fiha, ma jitħallewx jidħlu fiż-żona restritta sabiex jiġbdu il-container vojt tagħhom għax ma għandhomx permess, u jkollhom ta' bilfors iqabbdu s-servizzi ta' burdnar għal dan il-għan.

92. Il-Qorti tifhem illi hija prerogattiva tal-Awtoritajiet kompetenti li tiġġestixxi ż-żona ristretta tal-port u li joħorġu liċenzji appositi għall-persuni idonji biex jidħlu f'tali żoni, ossija 'burdnara', iżda ċertament ma huwiex ġust u korrett lejn it-trasportaturi li lanqas biss jingħataw il-possibbilta' li japplikaw għall-liċenzja ta' "burdnar", għax hija policy tal-Gvern ma joħorġux aktar liċenzji.

93. Il-Qorti tistqarr illi tali deċiżjoni li ma toħroġ ebda liċenzji oħra ta' burdnara ma tistax ħlief twassal għall-abbuż tal-posizzjoni dominanti u essenzjali tal-"burdnar" mat-trasportaturi u ċertament iqiegħed lit-trasportaturi f'posizzjoni żvantaġġjata għal fini ta' suq ħieles, liema kwistjoni, għalkemm ġia eżaminata mill-Kummissjoni Ewropeja, ċertament kienet limitata għall-aspett ta' "*security access*" iżda ma jidhirx illi qatt ġiet ikkunsidrata mill-aspett li liċenzji ġodda ilhom ma jinħarġu għal ħafna snin.

94. Huwa opportun, għalhekk, illi l-awtoritajiet kompetenti jirrivedu tali policy minnhom dikjarata li ma joħorġux liċenzji għal burdnara ġodda, u dan sabiex jiġi assikurat illi min jixtieq jipprovdi s-servizz ta' "burdnar" jkun jista' jagħmel dan, mingħajr ebda xkiel ulterjuri.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta.

**Tilqa'** l-ħames eċċezzjoni tal-Awtorita` tat-Trasport f'Malta.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tal-Onorevoli Ministru tal-Finanzi u tad-Direttur Ġenerali (Dwana) għajr għall-ewwel eċċezzjoni illi ġiet irtirata, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talbiet tar-rikorrenti, kif dedotti għar-raġunijiet spjegati.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur